# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

30 ta' Marzu, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li ssir din il-laqgħa permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) fis-1.50 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 11

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 10 – 9;
11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
11.5 COVID-19;
11.6 Komunikazzjoni;
11.7 Laqgħa Annwali Pubblika;
11.8 Dramm - Il-Kundanna;
11.9 Jum Sannat 2020;
11.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
11.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2020;
11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella beda billi qal li fid-dawl ta dawn iċ-ċirkostanzi li għaddej minnhom madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 din il-laqgħa qed issir permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, hu kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 11 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10 - 9

11.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 10 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fid-dawl ta dawn iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fil-ġimgħa tal-festa titulari, fejn din l-materja dejjem ġiet diskussa fil-laqgħat preċedenti mhux ser ikun il-każ li għalissa jsiru laqgħat dwar dan, ibda biex fi stqarrija li ħarġet il-Kurja fejn tat struzzjonijiet biex il-festi kollha din is-sena jitħassru sakemm ma joħroġ digriet ieħor mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, biss meta jkun il-ħin opportun il-Kunsill se jkompli b'dawn id-diskussjonijiet u laqgħat.

11.3.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Sannat il-Kuntrattur dan l-aħħar qed jaħdem kuljum fuq din it-triq u issa wasal biex bis-servizzi tad-drenaġġ sal-uffiċju tal-Kunsill u jrid jkompli biex jitlesta dan. Ser isiru żewġ servizzi ġodda ta' drenaġġ fejn hemm għalqa vojta fuq in-naħa ta' Friends to all Bar u ieħor fuq in-naħa l-oħra mall-kantuniera ta' Triq 28 ta' April 1688 fejn l-istess hemm biċċa art vojta biex b'hekk it-triq ma titqattax. Meta jasal għal dan l-iżviluppatur ikun irid iħallas għal dan is-servizz lest. Rigward Sannat junction il-Perit kien qal li ma kienx hemm il-bżonn biex il-Kunsill japplika għal DNO mall-Awtorita' tal-Ippjanar biss il-Kunsill xorta applika. L-ittra minn Transport Malta ħarġet ukoll. Il-Kunsill issa għandu l-permessi kollha rikjesti biex b'hekk din it-triq tkun tista titlesta. Is-Sindku qal li l-istorm water culvert ta' żewġ katusi kbar fuq xulxin dak wasal eżatt sal-junction. Peress li t-traffiku minn din it-triq għadu għaddej se tinqala parti parti minn Sannat Junction biex b'hekk it-traffiku jibqa għaddej. Issa se jkun għad fadal il-parti fejn tissejaħ il-Qasam li din trid issir mill-Gvern Ċentrali peress li din ma tinsabx fil-konfini Ta' Sannat.

11.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mall-Onor. Clint Camilleri – Ministru għal Għawdex saret nhar il-Ġimgħa 13 ta' Marzu 2020, fil-11.30 a.m. Din il-laqgħa saret ma' żewġ uffiċjali, ċ-Chief of Staff u uffiċjal ieħor peress li l-Ministru ma setax ikun preżenti minħabba impenn ieħor, għal din il-laqgħa attenda wkoll l-Perit tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv fejn ġew diskussi l-proġett tal-kisi u kostruzzjoni ta' Triq Sannat additional costs fejn fehmu li proġett bħal dan jirrikjedu diversi spejjeż, il-proġett tar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita fejn minn naħa tagħhom

se jaraw x'hemm pendenti bħala kuntratti fuq dan il-proġett biex ikelmuna lura, kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Saguna għal Triq ta' Bebunaq fejn sar bini ġdid il-Kunsill intalab biex jara x'servizzi hemm li jridu jinbidlu u għalhekk diġa ntbgħatet imejl lill-kumpaniji u korporazzjonijiet f'dan il-konċern, kisi mill-ġdid bil-konkos ta' Triq ta' Żabbetta, kisi bit-tarmak ta' Triq Dun Lazzru Camilleri u Triq Xamgħan il-Kunsill ukoll reġa intalab biex jara x'servizz hemm li jridu jinbidlu u għalhekk diġa ntbgħatet imejl lill-kumpaniji u korporazzjonijiet fuq dan, proġett ta' ġibjun għall-ilma tax-xita taħt il-playing field fi Triq Sannat/Triq Marziena, Triq tal-Lewż dwar ħofor fondi u perikolużi (għalkemm din it-triq mhux fil-konfini tagħna), l-entratura ta' Triq Mġarr ix-Xini biex jitkompla bil-kisi tal-konkos u l-pompa tal-ilma l-qadima li hija wirt storiku fil-gżira għawdxija fil-wied ta' Mġarr ix-Xini b'hekk il-Kunsill wera xi pjan għandu f'dawn il-5 snin li ġejjin. Il-Kunsill tkellem ukoll dwar Triq Bardan fejn hemm il-barrieri biex isir fencing. Dwar Triq Xamgħan il-Kunsill qabel li din it-triq tingħata kisja waħda peress li r-residenti qed jilmentaw dwar l-istat ta' din it-triq.

11.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali In-Nadur talab l-appoġġ tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex biex min hu nteressat jgħati l-għajnuna f'petizzjoni rigward ir-registrazzjoni tal-artijiet biex jinġabru firem mill-uffiċċju għal dan il-għan.

11.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Malta Libraries infurmat li biex tipproteġi l-librara u l-klijenti mill-firxa tal-COVID-19 ħadet direzzjoni sabiex il-libreriji kollha jgħalqu ndefinittivament.

11.3.6 Is-Sindku qal li r-Reġjun Għawdex qassam ħames kotba bl-isem Gozo-a portrtrait of an island lil kull Kunsill Lokali Ta' Għawdex biex dawn ikunu jistgħu jinghataw bħala rigali jew memento skont id-deskrizzjoni tal-Kunsill waqt xi okkazzjoni jew attivita'. Is-Sindku qed jgħaddi kopja ta' dan il-ktieb lill-Kunsillieri.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.4.1 Il-Kunsillier Clayton Tewma ġibed l-attenzjoni dwar triq bil-konkos minn Triq il-Kbira għal Triq Xamgħan, triq li tgħati għall-egħlieqi mill-bdiewa u li fiha hemm diversi ħofor, il-Kunsillier Joseph Bajada qal li fil-Kunsill preċedenti din kienet ġiet diskussa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet intalbet kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur li l-Kunsill għandu miegħu kuntratt biss din qatt ma waslet, apparti dan il-Kunsill għandu jara għandux il-fondi biex jiġu rranġati dawn il-ħofor peress li hemm medda twila ta' triq. Is-Sindku qal li l-ħofor perikolużi li hemm jiġu rranġati permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu.

## 11.5 COVID-19

11.5.1 Is-Sindku qal li bħal ma jafu l-Kunsillieri ġiet ikkrejata paġna fuq Facebook bl-isem YouSaveSannat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex ngħatu tagħrif u għajnuna minn fuq dan is-sit waqt din il-pandemija tal-Corona Virus għalhekk talab lill-Kunsillieri biex jgħinu kif jistgħu. Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jinxtraw sanitizers, alcohol wipes għall-istaff, inxtrat wkoll perspex screen għal fuq il-front office desk biex kemm jista jkun nissalvagwardjaw lill-impjegati. Il-Kunsill irċieva ngwanti u maskri ta' protezzjoni mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-istaff u ngħatat perspex screen u banner mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qed jimxi mad-direttivi maħruġa kontinwament mall-Awtoritajiet tas-Saħħa u mall-gwidi ta' prevenzjoni fl-uffiċċju maħruġa wkoll mid-Diparitment għall-Gvern Lokali. Madanakollu l-Gvern waqqaf l-użu tal-berġa lokali, day centre għall-anzjani u servizzi stratutorji nkluż it-Tribunal Lokali.

## 11.6 Komunikazzjoni

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttivi mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 03/2020 - Microsoft Teams
Ċirkulari Numru 04/2020 - Allokazzjoni Finanzjarja - Ring Fencing

Direttiva 02/2020 - Corona Virus (COVID-19)

11.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

27 ta’ Frar 2020 Ċir AKL 2020/016 - Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 29
03 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/017 - Sessjoni informattiva Ambjent
05 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/018 - FW: Mater Dei Hospital – Health & Fitness Day 2020
09 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/019 - Cir AKL 2020/019 – COVID – 19 Tqassim ta’ maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL.
11 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/020 - Laqgħa u Sessjonijiet ta’ informazzjoni – Prekawzjonijiet f’dan il-perjodu li għaddejjin minnu
10 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/021 - Seduti tal-Kunsilli Lokali
11 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/022 - Rakkomandazzjonijiet għall-Kunsilli Lokali f’dan il-perjodu.
12 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/023 - Rakkomandazzjonijiet mill-AKL
17 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/024 - Important notice regarding submission of Health Claims – COVID 19
24 ta’Marzu 2020 Ċir AKL 2020/024 - LIFE Calls for proposals 2020
24 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/025 - Estenssjoni ta’ deadline biex jiġu sottomessi l-audited accounts
24 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/026 - Commission of Gender Based Violence & Domestic Violance Annual Report
26 ta’ Marzu 2020 Ċir AKL 2020/27 - Għeluq tal-Playing Fields

11.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Data Protection Officer talab lill-Kunsill biex jkun jaf kemm ser iddum id-data personali ta’ individwi fl-uffiċċju tal-Kunsill meta dan jgħamel ilment/suġġeriment, eċċ. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinżammu sa massimu ta’ seba’ snin.

## 11.7 Laqgħa Annwali Pubblika

11.7.1 Is-Sindku qal li fuq direttiva tad-Diparitment għall-Gvern Lokali din is-sena il-Laqgħa Annwali Pubblika li kellha ssir sal-15 ta’ April 2020 ma tistax issir minħabba ċ-ċirkustanzi li ninsabu fiha tal-pandemija tal-COVID-19.

## 11.8 Dramm - Il-Kundanna

11.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-dramm bl-isem il-Kundanna li kien ser jittella’ nhar is-Sibt 4 ta’ April 2020 tħassar minħabba ċ-ċirkustanzi li ninsabu fiha tal-pandemija tal-COVID-19. Madana

kollhu l-Kunsill nforma b'dan lid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u talab għall-rimburż tal-ispejjeż relatati.

## 11.9 Jum Sannat 2020

11.9.1 Is-Sindku qal li fuq direttiva tal-Awtoritajiet tas-Saħħa minħabba ċ-ċirkustanzi li ninsabu fiha tal-pandemija tal-COVID-19 Jum Sannat u l-attivitajiet relatati ma dan l-avveniment għandhom jiġu posposti għal dati oħra l-quddiem.

## 11.10 Ilmenti u Suġġerimenti

11.10.1 Residenta min Triq Skerla talbet li ssir bozza fil-pjazzetta għax m'hemmx dawl biżżejjed bil-lejl. Is-Sindku qal li meta jinqalgħu l-bozoz fi Sqaq Dun Nastas u Triq Kalati u jinbidlu dawn għandhom jiġu rilokati f'toroq oħra bl-istess problema u għalhekk waħda minnhom għandha titwaħħal f'din it-triq.

11.10.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħajt imwaqqa u ftit ħmieġ fi Triq tal-Gruwa. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dan il-ħajt ilu rrapurtat lill-Ministeru għal Għawdex, dwar il-ħmieġ dan inġabar.

11.10.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħajt imwaqqa fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Is-Segetarju Eżekuttiv informahom li s-sid ilu nfurmat b'dan u l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn.

11.10.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intevention Team – MGOZ* rigward ħajt imwaqqa fi Triq Dun Luqa. Dan ġie rrapurtat lill-Ministeru għal Għawdex bis-sistema tal-Works Request System.

11.10.5 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq it-Tempju tal-Imramma rigward ħofor li qegħdin eżatt mal-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill għandu jara din il-ħsara bil-Perit.

11.10.6 Il-Kunsillier Clayton Tewma talab fuq ilmenti tar-residenti minn Triq Gerxija fuq diversi double yellow lines biex Transport Malta terġa tara jekk hemmx il-ħtieġa tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Transport Malta dwar dan.

11.10.7 Il-Kunsillier Clayton Tewma ġibed l-attenzjoni biex jara fhiex waslu d-dog bins li kienu se jeħlu fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Dawn ġew ordnati.

## 11.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2020

11.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2020 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

1.11.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv informaħ li l-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. ppreżenta l-ewwel parti tal-kont Nru. 1 ta' Triq Sannat b'fondi mill-Ministeru għal Għawdex u dan ġie ċċertifikat mill-Perit l-ġimgħa l-oħra, biss l-kuntrattur għadda l-invoice għal laqgħa tal-lum biss din taqra l-1 ta' April 2020, meta nġibdet l-attenzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kuntrattur

qal li ma setghax joħroġha qabel. Il-Kunsill qabel li peress li dan il-kont jammonta għal ċertu ammont u peress li l-kuntrattur diġa għamel ħafna spejjeż u x-xogħol sar f'din it-triq, il-Kunsill qabel li għandu joħroġ l-pagamenti minnufih kemm tal-kuntrattur u anke tal-perit.

## 11.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

11.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' April 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 23 ta' April, 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |